MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Numru. 138/2010

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Dylan Brincat, iben Alexander, imwieled Pieta' fit-28 ta' April, 1993, Karta ta' l-Identita numru 196093(M)
u
Shanelle Azzopardi, bint Joseph, imwielda Pieta' fit-30 ta' Awwissu, 1993, Karta ta' l-Identita numru 395593(M)
u
Simone Brincat, bint Amadeo, imwielda Pieta' fis-27 ta' Diċembru, 1994, Karta ta' l-Identita 7195(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputati talli fl-4 ta' Frar, 2010 bejn is-7.30 p.m. u id-9.30 p.m. minn ġewwa l-Cottonera Sports Complex li jinsab fi Triq Kottonera, Birgu kkomettew serq ta' rota u rota mutur għad-dannu ta' Dylan Zammit u Elton Cauchi, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz,

bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju, 2010 fejn ma jirrizultax l-aggravju tal-valur.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, ssib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom ħlief l-aggravju tal-valur. Rat l-artikoli 261(b)(f)(g), 264, 270, 271(g) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputati huma minorenni, il-fedina penali hi netta, l-oġġetti ġew ritornati u ammettew fl-ewwel udjenza. Tenut kont tal-fatturi kollha ta' dan il-każ piena karċerarja mhiex f'lokha. Għalhekk, tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------